MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 677/2007

**Catherine Avgerinos (ID 506450M), Fiona Avgerinos (ID 365580M), u Marcia Avgerinos (ID 82885M)**

**vs**

**Dr. Beppe Fenech Adami LLD u PL Mario Mifsud Bonnici nominati b'digriet tat-8 ta' Mejju 2007 bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Dionisios Avgerinos (ID 13691A) u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti ssottomettew:

Illi r-rikorrenti Catherine Avgerinos hi mart l-assenti Dionisios Avgerinos filwaqt li r-rikorrenti l-ohrajn huma wlied l-istess Dionisios Avgerinos, u ghalhekk huma l-eredi skond il-ligi tal-imsemmi assenti.

Illi fil-lejl ta’ bejn l-24 ta’ Dicembru u l-25 ta’ Dicembru 1996 kienet sehhet dizgrazzja bejn Malta u Sqallija fejn gherqet skuna F-174 li kienet qed iggorr abbord mijiet ta’ mmigranti rregolari, u f’din id-dizgrazzja mietu mijiet ta’ persuni.

Illi fost il-persuni li kienu abbord din l-iskuna kien hemm Dionisios Avgerinos, li ilu nieqes minn dik id-data sal-lum.

Illi minn dakinhar sal-lum l-esponenti ma semghu l-ebda ahbar dwar l-imsemmi Dionisios Avgerinos nonostante’ li issa ghaddew aktar minn ghaxar snin mid-data ta’ l-incident, u ghalhekk Dionisios Avgerinos huwa prezunt mejjet.

Illi pero’ d-Direttur tar-Registru Pubbliku qed jirrifjuta li johrog certifikat tal-mewt prevja ordni minn din l-Onorabbli Qorti, ghar-raguni li ma saritx inkjesta minn Magistrat.

Ghaldaqstant ir-rikorenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

i) Tiddikjara illi l-assenza tal-intimat Dionisios Avgerinos minn dawn il-gzejjer ilha tippersisti ghal zmien ta’ ghaxar snin kontinwi mid-data ta’ l-ahhar ahbar dwaru, u dan kif kontemplat fl-Artiklu 223 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

ii) Tiddikjara ghalhekk illi l-intimat Dionisios Avgerinos huwa prezunt mejjet.

iii) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex johrog certifikat tal-mewt ta’ Dionisios Avgerinos.

iv) Takkorda lir-rikorrenti d-dhul fil-pussess assolut fil-beni ta’ l-assenti u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt ta’ l-assenti.

v) Tiddikjara mahlula l-garanziji, u li m’ghandhomx isehhu l-kawtieli l-ohra li setghu gew ordnati fil-konfront tar-rikorrenti tul dawn l-ahhar ghaxar snin.

Bl-ispejjez.

Rat ir-**risposta guramentata tal-intimati kuraturi** a fol. 15 tal-process fejn eccepew:

Illi huma m’humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri kemm-il darba huma jigu edotti mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-**risposta guramentata ta’ l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku** a fol. 17 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-esponent mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward ta’ l-ewwel, it-tieni, r-raba’ u l-hames talba attrici dedotti fir-rikors guramentat.

2. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici fir-rikors guramentat, l-esponent ma joggezzjonax ghat-talba tar-rikorrenti kif dedotta jekk it-talbiet attrici jigu ppruvati a sodisfazzjon ta’ din l-Onorabbli Qorti. Inoltre, ai fini ta’ din it-talba jehtieg li r-rikorrenti jispecifikaw id-dettalji personali tal-mejjet u cioe’ l-isem u l-kunjom; in-numru tal-passaport u mill-liema pajjiz inhareg; fejn twieled u fejn joqghod; l-isem u l-kunjom ta’ missier u omm il-mejjet u jekk kienux hajjin fid-data tal-mewt ta’ binhom; l-isem u kunjom tal-mara tal-mejjet; id-data tal-mewt u l-kagun tal-mewt sabiex dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu nseriti fuq l-Att tal-Mewt jekk it-talbiet attrici jintlaqghu.

3. Illi fi kwalunkwe kaz din l-azzjoni mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri;

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-Qorti semghet ix-xhieda ta' Catherine Avgerinos u t-tfal taghha Marcia u Fiona kif ukoll lill Supretendent Antonello Grech.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Dionisios Avgerinos kien halla Malta fl- 24 ta' Dicembru 1996 fuq skuna F 174 u wara dik id-data sallum la qatt regghu rawh u lanqas instemgha xejn minghandu jew ahbaru, u l-indikazzjonijiet kollha li ghandha l-Pulizija juru li Dionisios Avgerinos miet b'disgrazzja li sehhet fil-lejl bejn l-24 ta' Dicembru u l-25 ta' Dicembru 1996 bejn Malta u Sqallija fejn gherqet dina l-iskuna F-174 li kienet qed iggorr abbord mijiet ta' immigranti irregolari u li f'dina d-disgrazzja mietu mijiet ta' persuni.

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara ghalhekk illi l-intimat Dionisios Avgerinos huwa prezunt mejjet u li ghalhekk id-Direttur tar-Registru Pubbliku johrog certifikat tal-mewt ta' Dionisios Avgerinos.

Skond l-artikolu 223 tal-Kodici Civili: "Jekk l-assenza tissokta ghal zmien ta' sitt snin wara d-dhul fil-pussess provvizorju, jew jekk b'rikors guramentat li jkun gie pprezentat mill-werrieta b'testment jew mill-werrieta bil-ligi ta' l-assenti quddiem il-qorti kompetenti tal-gzira li fiha l-assenti kien joqghod l-ahhar kontra l-kuraturi nominati mill-imsemmija qorti dik l-assenza tkun giet dikjarata b'sentenza li tkun damet ghal zmien ta' ghaxar snin kontinwi mid-data ta' l-ahhar ahbar dwar l-assenti, il-qorti kompetenti ghandha, fuq it-talba ta' min ikollu interess, taghti, b'digriet, id-dhul fil-pussess assolut fil-beni ta' l-

assenti u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt ta' l-assenti, u tiddikjara mahlula l-garanziji, u li ma ghandhomx isehhu l-kawtieli l-ohra li setghu jkunu gew ordnati".

Fil-kaz in ezami jidher li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa t-talbiet tar-rikorrenti u
Tiddikjara illi l-assenza ta' l-intimat Dionisios Avgerinos minn dawn il-gzejjer ilha tippersisti ghal zmien ta' ghaxar snin kontinwi mid-data ta' l-ahhar ahbar dwaru, u dan kif kontemplat fl-Artiklu 223 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tiddikjara ghalhekk illi l-intimat Dionisios Avgerinos huwa prezunt mejjet.
Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex johrog certifikat tal-mewt ta' Dionisios Avgerinos b'dawn id-dettalji sabiex dawn ikunu jistghu jigu nseriti fuq l-Att tal-Mewt:
Dettalji personali tal-mejjet u cioe' l-isem u l-kunjom; *Dionisios Avgerinos*
in-numru tal-passaport (*mhux maghruf – qieghed ghand il-pulizija)* u mill-liema pajjiz inhareg -*Grecja*;
fejn twieled u fejn joqghod; *Grecja – kien joqghod Malta*
l-isem u l-kunjom ta' missier u omm il-mejjet u jekk kienux hajjin fid-data tal-mewt ta' binhom; *Efstathios Avgerinos li miet fis-26 ta' Lulju 1978 u Fotini Avgerinou li mietet fit-28 ta' Frar 1990;*
l-isem u kunjom tal-mara tal-mejjet – *Catherine Avgerinos*;
.
id-data tal-mewt – *bejn il-24 u 25 ta' Dicembru 1996*
il-kagun tal-mewt. – *gharqa b'disgrazzja.*

Takkorda lir-rikorrenti d-dhul fil-pussess assolut fil-beni ta' l-assenti u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt ta' l-assenti.

v) Tiddikjara mahlula l-garanziji, u li m'ghandhomx isehhu l-kawtieli l-ohra li setghu gew ordnati fil-konfront tar-rikorrenti tul dawn l-ahhar ghaxar snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------